

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

tat-22 ta' Novembru 2012

li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2012/758/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Il-mandat tas-Sur José Manuel GONZÁLEZ-PÁRAMO, membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew, skada fil-31 ta' Mejju 2012 u għaldaqstant jeħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.
- (2) Il-Kunsill Ewropew jixtieq jaħtar lis-Sur Yves MERSCH li, fil-fehma tiegħu, jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Is-Sur Yves MERSCH huwa b'dan maħtur membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-15 ta' Diċembru 2012.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2012.

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President

H. VAN ROMPUY

<sup>(1)</sup> ĠU C 215, 21.7.2012, p. 4.

<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2012 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 218, 24.7.2012, p. 3.